MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru 764/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Chris Galea Scannura)
**Vs**
**Nazzareno Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Nazzareno Schembri ta` 62 sena imwieled Hal-Qormi fit-8 ta` Lulju 1940 bin Samwel u Antonia nee Farrugia, joqghod 34, Triq l-Oratorju Bormla jew 99 Triq San Bastjan Qormi detentur tal-karta tal-Identita 486940M.

Akkuzat talli fis-7 ta` Settembru 2002 ghall-habta tat-3.30 ta` wara nofsinhar gewwa Hal-Qormi volontarjament

ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Nikolas Schembri u dan skond kif iccertifika t-Tabib Andrew Cassar MD tad-dipartiment tal-Casualty ta` l-Isptar San Luqa ai termini tal-Artikolu 217 tal-kap 9;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li hu kien qed jaghmel delitt kontra persuna kellu fil-pusses tieghu arma li taqta u bil-ponta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pusses tieghu sikkina ta` kull xorta li tkun, b`xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta` illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat l-Artikoli 215, 217 tal-kap 9 kif ukoll l-artikolu 9 tal-kap 152 tal-ligijiet ta` Malta.

Billi l-akkuzat u l-vittima t-tnejn li huma jghoddu snin mhux hazin, jghixu flimkien, kollox gara f`sahna ta` mument u illum il-qraba taghhom qed jghinuhom mill-ahjar li jistghaw fil-hajja ta` kuljum billi jinsabu wahedhom ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar (1) m`illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta` din is-sentenza lill-hati.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

---------------------------------TMIEM---------------------------------